IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2012
COM(2012) 717 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Rapport ta' evalwazzjoni dwar in-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

## Rapport ta' evalwazzjoni dwar in-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità

### 1. INTRODUZZJONI

Il-prevenzjoni tal-kriminalità hija rikonoxxuta bħala għodda importanti għall-kontribuzzjoni tas-sigurtà taċ-ċittadini. It-**Trattat ta' Lisbona** jsemmi l-prevenzjoni tal-kriminalità fost l-elementi prinċipali li jistabbilixxu u jżommu żona ta' libertà, sigurtà u Ġustizzja[1]. Anke l-**Programm ta' Stokkolma** tenna l-importanza tal-prevenzjoni tal-kriminalità: "*L-aħjar mod li jitnaqqas il-livell tal-kriminalità*", tenna l-programm, "*huwa li jittieħdu miżuri effettivi li jimpedixxuha milli titwettaq, inkluża l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, bl-użu ta' approċċ multidixxiplinari li jinkludi wkoll it-teħid ta' miżuri amministrattivi u l-promozzjoni ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi. Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom esperjenzi simili u huma milqutin b'mod simili mill-kriminalità u n-nuqqas ta' sigurtà relatata fil-ħajja ta' kuljum tagħhom*".

Filwaqt li l-analiżijiet sistematiċi tal-kosti kontra l-benefiċċji, relatati ma' programmi ta' prevenzjoni tal-kriminalità, jew studji dwar il-kosti tal-kriminalità[2] li jistgħu jintużaw biex jiżviluppaw miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità għadhom mhumiex prattika komuni fl-Ewropa, studji disponibbli f'pajjiżi li għandhom tradizzjoni itwal f'dan (US, UK, in-New Zealand u l-Awstralja) jindikaw li l-prevenzjoni tal-kriminalità "taħdem" u li, fi kwalunkwe każ, il-kosti tal-kriminalità (inklużi ħsarat kemm materjali kif ukoll psikoloġiċi kkawżati lil l-vittmi) ħafna drabi huma ogħla mill-kosti biex tippreveniha. Anke korpi speċjalizzati tan-NU[3] jippromwovu u jappoġġjaw b'mod proattiv il-bidla gradwali għal metodi innovattivi għall-prevenzjoni tal-kriminalità, aktar milli biex tiġi kkastigata.

In-Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN - European Crime Prevention Network) twaqqaf mid-**Deċiżjoni tal-Kunsill** 2001/427/ĠAI, sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI. L-għan ewlieni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Mejju 2001 li waqqfet l-EUCPN kien li tippromwovi attivitajiet ta' prevenzjoni tal-kriminalità u li tipprovdi mezz li permezz tiegħu tista' tiġi skambjata prattika tajba siewja għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Fl-2009 Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill speċifikat il-kompiti tal-EUCPN kif ġej:

- Jiffaċilita l-koperazzjoni, il-kuntatti u l-iskambji ta' informazzjoni u l-esperjenza bejn l-atturi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità;

---

[1] L-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Lisbona jinqara kif ġej: *Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha. L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-***prevenzjoni** *tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha*". http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2007:306:FULL:MT:PDF

[2] Eżempji jinkludu l-kosti tal-vjolenza (Corso, Mercy, Simon, Finkelstein & Miller, 2007) jew vjolenza sesswali (Miller, Taylor & Sheppard, 2007), il-kosti ta' kriminalità relatata mal-alkoħol (Miller, Levy, Cohen & Cox, 2006; Miller, Levy, Spicer & Taylor, 2006), il-kosti tal-biża' mill-kriminalità (Dolan & Peasgood, 2007), il-kosti tal-kriminalità fi stati speċifiċi (Aos et al., 2001), u il-kosti tal-kura tas-saħħa mentali (Cohen & Miller, 1998).

[3] IN-NETWERK TA' INFORMAZZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR IL-KRIMINALITÀ U L-ĠUSTIZZJA, Iċ-Ċentru għall-Prevenzjoni Internazzjonali tal-Kriminalità, l-Uffiċċju għall-Kontroll tad-Drogi u l-Prevenzjoni tal-Kriminalità http://www.uncjin.org/index.html)

- Jiġbor, jivvaluta u jikkomunika l-informazzjoni evalwata inkluża l-prattika tajba dwar l-attivitajiet eżistenti għall-prevenzjoni tal-kriminalità;

- Jorganizza konferenzi, b'mod partikulari Konferenza annwali dwar l-Aħjar Prattika, u attivitajiet oħrajn, fosthom il-Premju Ewropew annwali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, imfassla biex jiksbu l-għanijiet tan-Netwerk u biex jikkondividu ampjament ir-riżultati miksuba minnhom;

- Jipprovdi l-kompetenza esperta tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif meħtieġ;

- Jirrapporta lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tiegħu kull sena permezz tal-Bord u l-gruppi ta' ħidma kompetenti. Il-Kunsill ikun mistieden sabiex japprova r-rapport and jibagħtu lill-Parlament Ewropew;

- Jiżviluppa u jimplimenta programm ta' ħidma bbażat fuq strateġija ddefinita b'mod ċar li tqis l-identifikazzjoni u t-trattament tat-theddid kriminali rilevanti.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiddeskrivi wkoll l-istruttura u l-qafas operattiv tal-EUCPN. Apparti **Bord** magħmul minn **Rappreżentanti Nazzjonali**, l-istruttura tinkludi **Kumitat Eżekuttiv, Punti ta' Kuntatt**[4] **u Segretarjat**. Il-Kummissjoni Ewropea hija osservatur[5] fil-Bord u tattendi l-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv. Ir-regoli ta' proċedura tal-EUCPN jispjegaw kif dawn l-elementi differenti għandhom jinteraġixxu ma' xulxin u ma' partijiet terzi.

Il-miri bażiċi tal-EUCPN ġew affermati mill-ġdid fl-**Istrateġija Pluriennali** tal-EUCPN li ġiet adottata mill-Bord f'Diċembru 2010 għall-perjodu sal-aħħar tal-2015. L-Istrateġija telabora fuq il-missjoni tal-EUCPN, u tiddefinixxiha bħala li "*Tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' approċċ multidixxiplinarju u preventiv għall-kriminalità u s-sens ta' nuqqas ta' sigurtà fil-livell Ewropew. Meta wieħed iżomm dan f'moħħu, in-Netwerk għandu "rwol ewlieni biex jappoġġja lill-politiċi u lill-prattikanti fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali*". L-Istrateġija Pluriennali tkompli billi tiddefinixxi l-viżjoni, il-gruppi ta' mira u l-għanijiet strateġiċi li għandu jikseb l-EUCPN fuq perjodu ta' ħames snin. Hija tipprovdi orjentazzjonijiet ta' politika b'attenzjoni speċjali fuq erba' tipi ta' attivitajiet. (i) li tkun punt ta' referenza għall-gruppi ta' mira tal-EUCPN; (ii) li xxerred l-għarfien tal-prevenzjoni tal-kriminalità; (iii) li tappoġġja l-prevenzjoni tal-kriminalità fil-livelli nazzjonali u lokali u (iv) li tiżviluppa l-politika u l-istrateġiji tal-UE fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kriminalità.

Il-gruppi ta' mira tal-EUCPN huma identifikati bħala li huma: (i) Prattikanti u politiċi fil-livell lokali; (ii) prattikanti u politiċi fil-livell nazzjonali; u (iii) aġenziji, organizzazzjonijiet, gruppi ta' ħidma u entitajiet rilevanti oħra tal-UE u internazzjonali. Imbagħad, programmi ta' ħidma annwali jistabbilixxu prijoritajiet aktar speċifiċi.

Attwalment, l-EUCPN jibbenefika minn appoġġ finanzjarju mill-Programm ISEC[6] permezz ta' għotja li tiswa' EUR 845 000 li tkopri l-perjodu minn nofs l-2011 sa nofs l-2014.

---

4 Skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-Punti ta' Kuntatt jappoġġaw lir-rappreżentanti nazzjonali fl-iskambju ta' informazzjoni u kompetenza esperta dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità nazzjonali fin-Netwerk.

5 Attwalment hemm 5 osservaturi li jirrappreżentaw il-Kroazja, l-aġenziji tal-UE (l-Europol, l-EMCDDA) u l-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarjat tal-Kunsill. L-osservaturi jistgħu jieħdu sehem fl-affarijiet tal-Bord tal-EUCPN iżda m'għandhomx vot.

6 Il-programm ta' appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità. http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/financing/fundings/security-and-safeguarding-liberties/prevention-of-and-fight-against-crime/index_en.htm

Skont l-Artikolu 9 tal-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009, il-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Kunsill sat-30 ta' Novembru 2012 dwar l-attivitajiet tan-Netwerk b'attenzjoni speċjali fuq l-effiċjenza tal-ħidma tan-Netwerk u s-Segretarjat tiegħu, u titqies kif xieraq l-interazzjoni bejn in-Netwerk u partijiet interessati rilevanti oħra.

Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta biex jinħoloq "**Osservatorju għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità**" (OPC - Observatory for the Prevention of Crime), "*li l-kompiti tiegħu jkunu l-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni ta' konoxxenza dwar il-kriminalità, inkluża l-kriminalità organizzata (inkluża statistika) u l-prevenzjoni tal-kriminalità, biex l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiġu appoġġati u promossi meta jieħdu miżuri preventivi u jiskambjaw l-aħjar prattika. L-OPC għandu jibni fuq il-ħidma mwettqa fil-qafas tal-EUCPN u l-evalwazzjoni tiegħu. Huwa għandu jinkludi jew jissostitwixxi l-EUCPN, b'segretarjat allokat f'aġenzija eżistenti tal-Unjoni u jiffunzjona bħala unità separata.* Il-Programm ta' Stokkolma stipula li għandha tiġi sottomessa proposta sa mhux aktar tard mill-2013.

Għaldaqstant, dan id-dokument jevalwa l-ħidma tal-EUCPN matul dawn l-aħħar sentejn u nofs u jipprovdi rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-futur, fosthom konsiderazzjonijiet tal-fattibilità tat-twaqqif ta' Osservatorju għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità.

## 2. VALUTAZZJONI ESTERNA

Sabiex jitkompla l-iżvilupp ulterjuri tal-EUCPN b'mod infurmat, twettqet valutazzjoni esterna tal-EUCPN fl-ewwel sitt xhur tal-2012[7]. Il-valutazzjoni esterna indirizzat diversi aspetti tal-EUCPN, fosthom il-prestazzjoni tiegħu matul dawn l-aħħar sentejn u nofs, l-organizzazzjoni u l-governanza tiegħu u fl-aħħar nett ipprovda għadd ta' proposti alternattivi għal żvilupp.

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni esterna ikkonkludiet li l-EUCPN qed jaħdem relattivament tajjeb u għamel progress tajjeb fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009 u l-Istrateġija Pluriennali tal-2010-2015. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009 u l-attivitajiet ta' segwitu, l-EUCPN għandu strateġija u gruppi ta' mira definiti b'mod ħafna aktar ċar. Ġie msaħħaħ u pprofessjonalizzat, partikularment wara t-twaqqif ta' Segretarjat ġdid li pprovda appoġġ tant meħtieġ għall-attivitajiet tan-Netwerk.

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' meta twettqet l-aħħar valutazzjoni[8], ġew indirizzati ħafna nuqqasijiet, l-attivitajiet tal-EUCPN huma aktar immirati u l-kwalità u l-kwantità tar-riżultati ġew imtejba. Pereżempju: mill-2012, is-Segretarjat tal-EUCPN qed jipproduċi "**Dokumenti Tematiċi**". L-ewwel dokument dwar "L-isport, ix-xjenza u l-arti fil-prevenzjoni tal-kriminalità fost it-tfal u ż-żgħażagħ" ġie bbażat fuq il-ħidma mwettqa mit-triumvirat preċedenti tal-Presidenzi. F'Ġunju 2012, is-Segretarjat tal-EUCPN ippubblika l-ewwel "**Osservatur għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità Ewropej**" li joħroġ darbtejn fis-sena li jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet tal-kriminalità u x-xejriet tal-kriminalità abbażi tal-istatistiki, l-istħarriġ u r-rapporti minn sorsi differenti. L-għan ta' dawn ir-rapporti huwa li jipprovdu ħarsa ġenerali ta' malajr u sostanzjali, iżda magħżula, tas-sitwazzjoni u x-

[7] Din l-evalwazzjoni twettqet miċ-Ċentru għas-Servizzi Strateġiċi u ta' Valutazzjoni (CSES - Centre for Strategy & Evaluation Services) L-istudju huwa disponibbli fuq il-websajt ta' DĠ HOME: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/crime-prevention/index_en.htm

[8] Valutazzjoni tal-EUCPN imwettqa fl-2008 – 2009 minn CSES http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/crime-prevention/docs/evaluation_of_eucpn_final_report_(cses_11_03_09).pdf

xejriet dwar il-kriminalità u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Il-gruppi ta' mira huma prattikanti u politiċi lokali, nazzjonali u Ewropej.

Barra minn hekk, l-inizjattivi ġodda bħalma huma t-twaqqif ta' **bażijiet tad-dejta tal-partijiet interessati**, it-tixrid ta' **bullettin b'format ġdid**, **il-kafejiet globali** waqt laqgħat tal-Bord u t-tnedija ta' **stħarriġ dwar ir-reazzjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati** kollha kkontribwew għal kooperazzjoni, kuntatti, skambji ta' informazzjoni u esperjenza aħjar bejn l-atturi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità (pereżempju, l-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tal-kriminalità adottata riċentement mill-Bulgarija iddependiet ħafna fuq l-informazzjoni mill-EUCPN). Kull ma jmur, il-laqgħat tal-Bord tal-EUCPN komplew jittrattaw dejjem aktar punti ta' sustanza meta mqabbla ma' kwistjonijiet proċedurali. Għadd akbar ta' Stati Membri issa qed jieħu sehem fil-kompetizzjoni tal-ECPA **(il-Premju Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità)**.

Attivitajiet sostantivi oħra jinkludu total ta' **18-il proġett ta' riċerka** li mill-2009 rċevew appoġġ taħt il-programmi ta' ħidma tal-EUCPN. Dawn il-proġetti trattaw il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika, il-ġustizzja restorattiva, l-iżvilupp ta' stimi tal-ispiża ekonomika tal-kriminalità, l-iżvilupp ta' miżuri amminsitrattivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-tnaqqis tar-reċidiviżmu fost iż-żgħażagħ, il-medjazzjoni tal-viċinat, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-iżvilupp ta' prattiki tajba tal-Immaniġġjar tal-Kunflitti fil-Komunità, eċċ. Ir-riżultati tal-proġetti kollha jistgħu jiġu kkonsultati fuq il-websajt tal-EUCPN. Numru sostanzjali ta' **reviżjonijiet sistematiċi** ġew prodotti fl-2008 dwar inizjattivi u attivitajiet varji biex jiġu evitati attivitajiet kriminali. Madankollu, minn dak iż-żmien ma ġew ippubblikati l-ebda reviżjonijiet sistematiċi sa Mejju 2012 meta n-Netwerk Daniż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità ppubblika reviżjoni sistematika fuq il-websajt tal-EUCPN dwar l-effettività ta' konsulenza u ta' attivitajiet ta' divertiment għal żgħażagħ f'riskju.

Il-websajt tal-EUCPN – minkejja l-limitazzjonijiet tekniċi tagħha – issa għandha **bażi ta' dejta onlajn aktar żviluppat** ta' prattiki tajba **li wieħed jista' jfittex fiha** kif ukoll **informazzjoni aġġornata dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità, l-istrateġiji u l-miżuri**.

Madankollu, il-valutazzjoni esterna identifikat ukoll **għadd ta' nuqqasijiet**: (1) il-valutazzjoni ma setgħetx issib evidenza li l-attivitajiet tal-EUCPN huma dejjem marbuta mal-prijoritajiet għall-prevenzjoni tal-kriminalità li tħabbat wiċċha magħhom l-UE u l-Istati Membri; (2) il-kwalità tar-riżultati tal-EUCPN hija ġeneralment tajba u dawn il-prodotti huma utli iżda hemm lok biex jitfasslu aktar għall-gruppi ta' mira; (3) b'mod ġenerali, l-EUCPN hija anqas ta' suċċess fl-ilħiq tal-gruppi ta' mira fil-livell lokali, milli fil-livell nazzjonali jew tal-UE (għalkemm iż-żewġ prodotti msemmija hawn fuq – id-dokumenti tematiċi u l-Osservatur Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità – huma speċifikament iddestinati għall-prattikanti fil-livell nazzjonali u lokali); (4) ammont sostanzjali ta' proġetti għall-prevenzjoni tal-kriminalità appoġġjati mill-programm tal-ISEC huma implimentati mingħajr ma jiġu assoċjati jew saħansitra infurmati l-EUCPN; (5) hemm differenza konsiderevoli fl-effettività tal-kapaċità tal-presidenzi b'rotazzjoni biex jipprovdu tmexxija għall-EUCPN; (6) l-intenzjoni li jitpoġġew dokumenti ewlenin f'lingwi differenti tal-UE fuq il-websajt biex jattiraw aktar qarrejja u jipprovdu dokumentazzjoni ta' appoġġ lill-partijiet interessati partikolarment fil-livell lokali ma kenitx sodisfatta; (7) ħafna mill-punti ta' kuntatt ma jidher li pprovdew l-ebda valur miżjud lill-funzjonament u l-viżibilità tal-EUCPN u f'diversi Stati Membri ma hemm l-ebda punt ta' kuntatt; (8) l-attivitajiet tal-EUCPN huma appoġġjati minn fondi relattivament modesti u l-attivitajiet u r-riżultati tiegħu huma proporzjonati mad-dħul finanzjarju; (9) jeħtieġ li jsir aktar xogħol biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-EUCPN.

## 3. IR-RWOL TAL-EUCPN

Matul il-parti l-kbira ta' dan l-aħħar deċennju, l-iżvilupp tal-EUCPN seħħ fin-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv tal-UE b'saħħtu. L-UE kellha kompetenza limitata[9] fil-prevenzjoni tal-kriminalità u sal-punt fejn setgħet, dawn kienu l-aktar fil-qasam tal-kriminalità organizzata. Bil-bidliet li saru bit-Trattat ta' Lisbona lit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) l-UE rċeviet rwol aktar b'saħħtu fil-prevenzjoni tal-kriminalità.

B'riflessjoni ta' dan, l-Artikolu 84 tal-Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **(TFUE)** jistipula li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, "*jistgħu jistabbilixxu miżuri sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri*".

B'mod ġenerali, wieħed jista' jgħid li d-dimensjoni tal-prevenzjoni tal-kriminalità tal-UE ssaħħet f'ħafna modi f'dawn l-aħħar snin, fosthom permezz ta' għadd ta' inizjattivi li ttieħdu biex jgħinu lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra l-attivitajiet kriminali[10]. Bin-natura dejjem aktar transkonfinali tal-kriminalità, u n-nuqqas ta' ċarezza[11] fid-distinzjoni bejn il-kriminalità organizzata u l-hekk imsejħa kriminalità "ta' volum", li jkun hemm fis-seħħ qafas tal-UE effettiv hija neċessità għall-isforzi tal-prevenzjoni tal-kriminalità fil-livelli kollha biex ikun hemm ċans akbar ta' suċċess.

Għalkemm ir-rati tal-kriminalità fl-Ewropa naqsu għal ħafna snin[12], f'xi Stati Membri tal-UE[13] hemm sinjali li din ix-xejra issa nqalbet, u forsi dan jirrifletti l-effetti tar-riċessjoni

---

[9] L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jinqara kif ġej: "li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha l-moviment liberu ta' persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda il-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni u l-***prevenzjoni*** u l-ġlieda kontra l-kriminalità; L-Artikolu 29, it-tieni sottoparagrafu jirreferi għall- " ...***prevenzjoni*** u l-ġlieda kontra l-kriminalità, organizzata jew le, u partikolarment it-terroriżmu, it-traffikar ta' persuni u offiżi kontra t-tfal, it-traffikar illeċitu ta' drogi u t-traffikar illeċitu ta' armi, il-korruzzjoni u l-frodi, …" http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/ce321/ce32120061229en00010331.pdf

[10] Iddaħħlu dispożizzjonijiet iddedikati għall-prevenzjoni tal-kriminalità fid-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu (l-Artikolu 18) kif ukoll fid-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija (l-Artikolu 23). L-Istrateġija tal-UE lejn il-qerda tat-traffikar tal-bnedmin (2012 – 2016) – COM(2012)286 finali - għandha l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha (Prijorità B).

[11] Il-kriminalità mwettqa minn gruppi kriminali "itineranti" mobbli hija eżempju tajjeb ta' dan in-nuqqas ta' ċarezza bejn il-kriminalità organizzata u dik ta' volum. Din il-kriminalità tinkludi: serq mill-ħwienet, serq ta' metall, serq ta' merkanzija, serq mid-djar u serq mill-bwiet.

[12] F'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, il-livelli tal-kriminalità kienu qed jonqsu konsistentement matul il-perjodu minn madwar l-2002-03 għalkemm f'xi Stati Membri it-tendenza kienet li dan il-livell jogħla (id-Danimarka, il-Finlandja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Isvezja). Il-pajjiżi fejn it-tnaqqis fil-kriminalità totali kien l-aktar notevoli kienu Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Polonja u r-Renju Unit. Anke figuri reċenti jindikaw li għar-Renju Unit (kriminalità rreġistrata mill-pulizija fl-Ingilterra u Wales) kien hemm tnaqqis ieħor ta' 4,2% bejn is-snin li ntemmu f'Marzu 2011 u f'Marzu 2012. L-għadd totali ta' delitti rreġistrati għal disgħa mill-għaxar kategoriji ewlenin ta' offiżi naqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u d-danni kriminali juru tnaqqis ta' kważi 10% (sors: tabelli tal-forzi tal-pulizija tar-Renju Unit). Iżda fl-isfond ta' dawn it-tendenzi ġenerali hemm differenzi konsiderevoli fl-iżvilupp ta' tipi speċifiċi ta' kriminalità. Mill-2006 – 2007 il-pulizija rreġistraw aktar reati f'għadd ta' Stati Membri, b'mod partikulari għas-serq domestiku u t-traffikar tad-droga. Min-naħa l-oħra, it-tip ta' kriminalità rreġistrata li wriet l-aktar tnaqqis sostanzjali kienet is-serq ta' vetturi bil-mutur, segwita mir-reati u s-serq vjolenti. (Sors: EUROSTAT - Statistics in Focus crime and criminal justice) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-SF-12-006/EN/KS-SF-12-006-EN.PDF

[13] Ara r-rapporti tal-midja dwar il-Greċja (http://www.balkanalysis.com/greece/2011/05/15/organized-crime-in-greece-statistics-trends-and-police-countermeasures-in-2011-2/).

ekonomika[14]. Barra minn hekk, tħassib dwar is-sigurtà fost iċ-ċittadini tal-UE għadu importanti[15]. Konsegwentement, il-prevenzjoni tal-kriminalità - u l-kollaborazzjoni fil-livell tal-UE sabiex jippromwovuha - tibqa' prijorità għall-partijiet interessati ewlenin tal-EUCPN u ċ-ċittadini tal-UE b'mod ġenerali[16]. Għaldaqstant, ir-raġuni għal aktar żvilupp tal-EUCPN tibqa' valida.

## 4. L-IŻVILUPP FUTUR TAL-EUCPN

It-taqsima li ġejja tipprovdi rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati matul il-valutazzjoni esterna. Tnejn minnhom jidhru li jispikkaw: l-ewwel, il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-viżibilità tal-EUCPN[17] u - marbuta magħha - il-ħtieġa li jiġu allinjati aħjar l-attivitajiet tal-EUCPN ma' prijoritajiet miftiehma fil-livell tal-UE, inkluż permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' inizjattivi u korpi oħrajn. Dan jikkontribwixxi għal iffukar aħjar u biex tinbena kapaċità f'oqsma speċifiċi ta' kriminalità, li jippermettu aktar valur miżjud fl-interazzjoni kemm fil-livell lokali kif ukoll dak tal-UE u b'hekk tiġi indirizzata wkoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' viżibbiltà.

### 4.1. Liema huma l-bidliet prinċipali meħtieġa tal-EUCPN?

L-ewwel nett, jistgħu jittieħdu għadd ta' miżuri biex tiżdied *il-prestazzjoni, l-impatt u l-valur miżjud* tal-EUCPN.

(1) L-EUCPN għandu **jallinja b'mod aktar sistematiku l-prijoritajiet tiegħu mal-prijoritajiet maqbula tal-UE**, inklużi dawk definiti fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u inizjattivi oħra relatati mas-sigurtà approvati mill-Istati Membri tal-UE (pereżempju, hemm rabtiet ovvji bejn l-EUCPN u n-netwerk informali ta' punti ta' kuntatt dwar l-approċċ amministrattiv[18] għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata[19] li jistgħu jiġu esplorat aktar b'mod utli).

---

[14] Ara wkoll OCTA (2011) p. 6: "The recent global economic crisis and the connected financial restraints have made communities more tolerant to illicit commodities, especially counterfeit goods".

[15] Disgħa minn kull għaxar Ewropej iqisu l-kriminalità organizzata bħala theddida sinifikanti għas-sigurtà tal-UE, ara l-EUROBAROMETER 371 tal-2011 fuq p. 28.

[16] Skont l-istħarriġ tal-partijiet interessati ewlenin li sar għal din il-valutazzjoni, kważi żewġ terzi (65,2%) ta' dawk li wieġbu indikaw li l-kollaborazzjoni fil-livell tal-UE bejn l-Istati Membri biex jippromwovu l-prevenzjoni tal-kriminalità hija jew importanti "ħafna" jew "pjuttost" importanti. Dan jikkonferma s-sejbiet ta' rapport tal-Eurobarometer Speċjali 380 "Awareness of Home Affairs", Ġunju 2012, paġni 51-60, li stqarr li disa' minn kull għaxar Ewropej (91%) qablu li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet tal-Istati Membri individwali għandhom jaħdmu aktar mill-qrib flimkien biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu u l-kriminalità.

[17] Ir-rata ta' rispons baxxa b'mod ġenerali għall-istħarriġ kif ukoll il-grad għoli ta' "ma nafx" huma biss żewġ eżempji tal-fatt li l-EUCPN u l-attivitajiet tiegħu għadhom mhumiex magħrufa ħafna.

[18] L-hekk imsejjaħ "Approċċ amministrattiv" fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jista' jiġi deskritt l-aħjar bħala taħlita ta' għodda fil-livell amministrattiv biex il-kriminalità organizzata ma titħalliex tinfiltra s-settur pubbliku, l-ekonomija jew partijiet ewlenin tal-amministrazzjoni pubblika. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-reati mwettqa minn gruppi kriminali (itineranti) mobbli ġew adottati f'Novembru 2010 u kellhom dispożizzjonijiet għat-twaqqif ta' netwerk informali ta' punti ta' kuntatt dwar l-approċċ amministrattiv. http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/jha/118169.pdf. In-netwerk twaqqaf fl-2011 iżda ma għandu l-ebda appoġġ segretarjali.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-EUCPN (l-Artikolu 2.2) tippermetti lill-EUCPN li tistudja "l-miżuri kollha li huma intenzjonati biex inaqqsu jew inkella jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-kriminalità u tas-sens ta' nuqqas ta' sigurtà taċ-ċittadini…". Bl-istess mod, l-istrateġija pluriennali tal-EUCPN tiddikjara li l-EUCPN għandu jikkontribwixxi "*għall-promozzjoni ta' approċċ multidixxiplinarju u preventiv għall-kriminalità*". Għal raġunijiet ta' effikaċja u sostenibbiltà, għandu jkun hemm sinerġiji akbar bejn l-EUCPN u n-netwerk, possibilment ukoll minn lat organizzattiv.

(2) B'rabta ma' dan ta' hawn fuq, l-EUCPN għandu jsaħħaħ ir-rwol tiegħu fil-**kontributi għat-tfassil tal-politika tal-UE u tal-Istati Membri** fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Attwalment, il-kontributi tal-EUCPN fil-livell tal-UE għadhom modesti.

(3) Approċċ aktar strateġiku għad-determinazzjoni tal-attivitajiet tal-EUCPN u t-tisħiħ tar-rwol tiegħu fil-kontributi għat-tfassil ta' politika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, għandu jkun appoġġjat mill-iżvilupp fit-tul ta' **funzjoni ta' monitoraġġ tat-tip ta' osservatur**[20]. It-twaqqif ta' bażi ta' għarfien aħjar dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità fil-livell tal-UE għandu jsir primarjament bl-użu ta' dejta disponibbli (pereżempju mill-EUROPOL u mill-EUROSTAT) filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe koinċidenza ma' inizjattivi eżistenti.

(4) Sabiex jiġu appoġġjati dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ, l-EUCPN għandu jkompli l-**kollaborazzjoni tiegħu**[21] **mal-Eurostat u ma' oħrajn** biex jintroduċi informazzjoni statistika aħjar fil-livell tal-UE iżda wkoll biex tiġi evitata kwalunkwe koinċidenza ma' attivitajiet attwali jew ippjanati.

(5) L-EUCPN għandu jkompli **jiżviluppa l-eżiti tiegħu** biex iżid il-kapaċità li jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati ewlenin, suġġetti għad-disponibbiltà tar-riżorsi meħtieġa. Is-Segretarjat tal-EUCPN għandu rwol importanti x'jaqdi f'dan ir-rigward. Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jikkontribwixxu b'mod aktar attiv għall-ħidma tal-EUCPN (pereżempju billi jipprovduh b'mod aktar regolari b'dejta jew jindikaw l-aħjar prattiki), u b'hekk jiżguraw kwalità aħjar ta' eżiti.

(6) Prijorità ewlenija tal-EUCPN għandha tkun li jipproduċu materjal ta' **prattika tajba għall-prattikanti tal-prevenzjoni tal-kriminalità f'livell reġjonali u lokali**, fosthom b'mod immexxi mid-domanda. Il-kapaċità tal-EUCPN biex tagħmel dan tiddependi fuq l-intensifikar tan-netwerking fuq livell tal-UE li jinvolvi lill-prattikanti u l-kapaċità li r-riżultati ta' dan u attivitajiet oħra (pereżempju l-ECPA) jiġu kkonvertiti f' materjal utli.

(7) Matul il-perjodu taħt reviżjoni, l-EUCPN żviluppa **relazzjonijiet eqreb ma' għadd ta' entitajiet oħra**. F'dan ir-rigward għandha tingħata prijorità lill-EUROSTAT, CEPOL (minħabba l-possibbiltà ta' tisħiħ tal-kapaċità tal-EUCPN li tilħaq lill-prattikanti fil-livell lokali), u l-EUROPOL (minħabba r-rwol tal-EUROPOL biex tgħin biex jiġu identifikati sfidi u prijoritajiet futuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata).

(8) Il-kontenut, it-tfassil u l-faċilità tal-użu tal-**websajt tal-EUCPN** għandhom jitjiebu, preferibbilment permezz tat-twaqqif ta' websajt ġdida peress li jidher li dik attwali laħqet il-limiti tagħha fir-rigward tal-possibbiltajiet tekniċi biex tiġi adattata aktar għall-ħtiġijiet tal-utenti.

---

[20] Dan jista' jinkludi l-bini ta' fehim aħjar ta' xejriet fil-livell tal-UE u madwar l-Istati Membri fir-rigward tal-kriminalità, li jistabbilixxi ħarsa ġenerali tal-istrutturi, l-istrateġiji u l-politiki istituzzjonali tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-kriminalità (parti minn din l-informazzjoni diġà hi disponibbli) u sal-punt li tista' tiġi evalwata, valutazzjoni ta' x'impatt għandhom il-miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità fuq tipi differenti ta' attivitajiet kriminali.

[21] Kemm l-EUCPN kif ukoll l-EUROSTAT jipparteċipaw fil-grupp ta' esperti li jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istatistika tal-Kriminalità 2011 - 2015 COM(2011) 713 finali.

It-tieni, filwaqt li l-bidliet introdotti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009 saħħew l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-EUCPN, jista’ jiġi introdott aktar titjib permezz ta' għadd ta' miżuri:

(1) Għad hemm differenza konsiderevoli fl-**effettività u l-kapaċità tal-Presidenzi b’rotazzjoni tal-EUCPN** biex jipprovdi tmexxija għall-EUCPN. Filwaqt li l-idea li jkun hemm presidenzi b’rotazzjoni tibqa' importanti prinċipalment għal raġunijiet ta' ħolqien ta’ "responsabbiltà" fost l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom biex jallokaw riżorsi biżżejjed għall-Presidenza tal-EUCPN. Is-Segretarjat għandu jkun involut mill-qrib fl-għoti ta’ appoġġ biex jiġu ppjanati u implimentati l-prijoritajiet.

(2) Ir-**rwol tar-Rappreżentanti Nazzjonali (il-membri tal-Bord tal-EUCPN)**, speċjalment fir-rigward tal-promozzjoni tal-EUCPN fil-pajjiżi tagħhom, għandu jkun definit ukoll f’aktar dettall. Ir-Rappreżentanti Nazzjonali tal-Istati Membri li ssieħbu fl-UE f’dan l-aħħar deċennju għadhom f’fażi iebsa ta’ tagħlim fir-rigward tal-integrazzjoni tal-prevenzjoni tal-kriminalità fil-politika ta' sigurtà ġenerali tagħhom. Għalihom, l-EUCPN huwa l-ewwel u qabel kollox sors utli ta' informazzjoni u ta’ ispirazzjoni. Ħafna mill-Istati Membri l-oħra għandhom esperjenza twila fil-prevenzjoni tal-kriminalità u xi wħud minnhom jaqsmuha b’mod attiv. Madankollu, is-suċċess tal-EUCPN jiddependi b'mod kritiku fuq il-kontribuzzjoni attiva tar-Rappreżentanti Nazzjonali kollha għall-attivitajiet tan-netwerk, matul il-laqgħat tal-Bord tal-EUCPN u lil hinn minnhom.

(3) Ir-rwol tal-**osservaturi** tal-Bord tal-EUCPN għandu jiġi ċċarat f'termini ta' (a) min għandu jkollu dan l-istatus u (b) l-attendenza tagħhom fil-laqgħat tal-Bord għandha tiddefinixxi jekk dan l-istatus għandux ikompl jingħata jew le.

(4) Minħabba li kien hemm ftit evidenza tal-valur miżjud tagħhom fil-promozzjoni tal-EUCPN u l-attivitajiet tiegħu, ir-rwol tal-**Punti ta' Kuntatt** tal-EUCPN għandu jiġi rivedut[22] u mill-inqas jiġi definit aħjar, pereżempju billi jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jaħtru Punti ta' Kuntatt li sussegwentement għandhom jinbidlu f’netwerk attiv ta' prattikanti ta' prevenzjoni tal-kriminalità, li jkun assoċjat mill-qrib mal-ħidma tal-EUCPN. Alternattivament, jista' jiġi abbandunat għalkollox il-kunċett ta’ punti ta' kuntatt tal-EUCPN u jiġi sostitwit, pereżempju, b’netwerks ta' akkademiċi li jistgħu jipprovdi kontributi xjentifiċi fuq bażi ta’ każ b’każ għall-attivitajiet tal-EUCPN.

(5) B’mod ġenerali, ir-riċerka tikkonferma li s-**Segretarjat** tal-EUCPN qed jaħdem tajjeb fl-appoġġ tiegħu tan-Netwerk, minkejja l-kapaċità limitata tiegħu (3 ħaddiema full time). Fil-fatt, it-twaqqif tas-Segretarjat x'aktarx huwa l-aktar bidla strutturali importanti li għenet biex titjieb il-prestazzjoni tan-Netwerk b’mod ġenerali. Segretarjat aktar b'saħħtu jkun ta’ vantaġġ importanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-EUCPN.

## 4.2. L-EUCPN kontra "Osservatorju tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità" kif stipulat mill-Programm ta' Stokkolma

Filwaqt li ma hemm l-ebda definizzjoni ċara ta’ “osservatorju” fil-livell tal-UE, huwa ġeneralment aċċettat li l-kompiti u l-attivitajiet ewlenin komuni tal-osservatorji Ewropej (jew l-organizzazzjonijiet b’karatteristiċi ta’ osservatorju) huma mill-inqas dawn li ġejjin:

[22] Ara n-nota 4 ta’ qiegħ il-paġna għar-rwol tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill

1. **Il-ġbir, il-monitoraġġ, l-analiżi, l-interpretazzjoni u d-disseminazzjoni tad-dejta** fuq bażi regolari għall-partijiet kollha kkonċernati fir-rigward ta' qasam ta' politika speċifiku fil-pajjiżi differenti sabiex jipprovdu lill-UE u lill-pajjiżi tagħha b'ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni, miżuri u attivitajiet imfassla fl-isferi ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom;

2. L-identifikazzjoni ta' **xejriet emerġenti u l-aħjar prattiki** madwar l-Istati Membri li ta' spiss ikunu bbażati fuq **sett komuni ta' indikaturi ewlenin** li sa ċertu punt jippermettu l-paragun bejn l-Istati Membri differenti;

3. Il-produzzjoni ta' sett ta' **dokumenti tekniċi, rapporti, studji u eżiti oħra** mfassla speċifikament għat-tixrid tal-informazzjoni għall-gruppi ta' mira bħal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-komunitajiet akkademiċi, il-prattikanti u l-pubbliku ġenerali;

4. Il-promozzjoni tan-**netwerks u l-iskambju bejn il-partijiet interessati** permezz tat-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma, fora, u/jew laqgħat.

Attwalment l-EUCPN għandu biss karatteristiċi embrijoniċi ta' "osservator ju".

Minbarra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi stabbiliti hawn fuq, ġew eżaminati diversi għażliet aktar ġenerali fir-rigward tal-iżvilupp tal-EUCPN fil-valutazzjoni esterna. Dawn jinkludew iż-żamma tal-istatus quo, it-tisħiħ tal-EUCPN, it-twaqqif ta' Osservatorju Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, u l-iżmantellar tal-EUCPN.

**Alternattiva 1: Status quo**

Iż-żamma tas-sitwazzjoni kif inhi tkun tfisser li l-EUCPN probabbilment ikun jista' jkompli jiffunzjona b'mod pjuttost soddisfaċenti. Madankollu, dan ikun ifisser ukoll li n-nuqqasijiet identifikati ma jiġux indirizzati u l-valur miżjud tal-EUCPN ma jiġix sfruttat bis-sħiħ b'mod li jkun jista' jilħaq bis-sħiħ l-aspettattivi sottostanti għad-Deċiżjoni tal-2009. Dan jista' jwassal biex il-partijiet interessati ewlenin jitilfu l-interess fin-Netwerk, bir-riskju li fl-aħħar mill-aħħar jkollha tintuża l-alternattiva 4: l-iżmantellar tal-EUCPN. Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn imsemmija taħt l-alternattiva 4, Alternattiva 1 mhijiex rakkomandata.

**Alternattiva 2: EUCPN +**

Sabiex jiġi kkonsolidat il-progress li sar s'issa u li jippermetti aktar żvilupp inkrimentali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet elenkati taħt it-taqsima IV.1, il-kapaċità tal-EUCPN tissaħħaħ biex tindirizza l-prijoritajiet tal-partijiet interessati ewlenin permezz ta' kollaborazzjoni Segretarjat imsaħħaħ u firxa ta' miżuri li jżidu l-viżibbiltà tan-Netwerk. Dan it-titjib ikun possibbli li jinkiseb billi jiġu rduppjati r-riżorsi tiegħu li attwalment huma ftit ħafna, li xorta jkun jirrappreżenta baġit relattivament żgħir meta mqabbel ma' netwerks simili. Spejjeż addizzjonali jistgħu jinkludu (i) tkabbir tas-Segretarjat (stmat għal EUR 180 000 għal 2 membri tal-persunal żejda għal sentejn = EUR 360 000), (ii) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-websajt (= EUR 150 000 għal perjodu ta' sentejn), u (iii) rwol/netwerking aħjar ta' Punti ta' Kuntatt jew alternattivament it-twaqqif ta' netwerks ta' akkademiċi (pereżempju 2 laqgħat fis-sena x 2 = EUR 100 000). L-ispejjeż totali għall-EUCPN jkunu madwar EUR 600 000 fis-sena, jew EUR 1,2 miljun għal sentejn, meta mqabbla mal-livell attwali ta' finanzjament (madwar EUR 300 000[23] fis-sena).

[23] L-għotja ta' Azzjoni ta' EUR 845 000 li tkopri perjodu ta' tliet snin teħtieġ 5 % kofinanzjament mill-Istati Membri tal-UE.

**Alternativa 3**: **Osservatorju Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità**

It-twaqqif ta' osservatorju sħiħ isaħħaħ il-kapaċità tal-EUCPN li jissorvelja u janalizza x-xejriet għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Madankollu, filwaqt li din it-tip ta' dejta hija rilevanti għall-partijiet interessati ewlenin fil-livell nazzjonali, il-livell reġjonali u l-livell lokali kienu interessati fuq kollox f'li jitgħallmu mill-prattiki tajba u tipi oħra ta' eżiti prodotti mill-EUCPN. Il-valutazzjoni tal-valur miżjud ta' Osservatorju għandha tqis ukoll l-ispejjeż li dan jimplika, li se jkunu sostanzjalment ogħla minn tal-alternattiva 2. Jekk wieħed jibda mill-istima tal-ispejjeż għall-alternattiva 2 (EUR 1,2 miljun) il-finanzjament addizzjonali meħtieġ jista' jinkludi (i) 2 membri tal-persunal tas-segretarjat addizzjonali biex jgħinu jikkoordinaw il-ġbir u l-analiżi tad-dejta mill-osservatorju (EUR 180 000 għal sentejn = EUR 360 000) u (ii) għotjiet lill-Punti ta' Kuntatt biex jiġbru d-dejta (medja ta' EUR 25 000 fis-sena, għal kull Stat Membru għal sentejn = EUR 1,4 miljun). L-ispejjeż totali jkunu ta' madwar EUR 3 miljuni għal perjodu ta' sentejn. Ir-riskji huma ogħla wkoll minħabba taħlita ta' spejjeż relattivament għolja u bidla ta' attenzjoni li mhijiex neċessarjament ta' benefiċċju bl-istess mod għall-partijiet interessati kollha.

**Alternattiva 4: L-iżmantellar tal-EUCPN**

Ftit li xejn hemm appoġġ għall-iżmantellar tal-EUCPN. L-EUCPN ġeneralment jitqies li jipproduċi aktar u aktar benefiċċji għall-Istati Membri, speċjalment mindu ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009. L-iżmantellar inaqqas il-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri biex jippromwovu l-prevenzjoni tal-kriminalità u jagħmilha aktar diffiċli li jiġu involuti Stati Membri u partijiet interessati ewlenin oħrajn li jgħinu biex jiġu ppreparati u implimentati mezzi innovattivi u intelliġenti għall-prevenzjoni tal-kriminalità b'mod kumplimentari mal-azzjonijiet tal-infurzar tal-liġi klassiċi. L-Istati Membri li l-politiki ta' prevenzjoni tal-kriminalità tagħhom għadhom fi stadju bikri jitilfu ħafna. Peress li s-sens wara l-kollaborazzjoni fil-livell tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità għadu qawwi, din l-azzjoni ma tkunx rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati ewlenin. Barra minn hekk, minħabba l-ispejjeż relattivament baxxi għall-operazzjoni tal-EUCPN, l-iffrankar ikun ftit.

## 5. RIMARKI TAL-GĦELUQ

L-EUCPN wera li huwa strument dejjem aktar utli għall-appoġġ tal-politiċi fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali u li għandu wkoll potenzjal konsiderevoli li joħloq valur miżjud fil-livell lokali. Abbażi tar-rekord tiegħu li qed jitjieb, il-Kummissjoni hija kunfidenti li l-EUCPN se jkompli jadatta biex jiffaċċja l-isfidi l-ġodda.

Minħabba r-raġunijiet stipulati fit-Taqsima 4.2, kif ukoll l-iżviluppi pożittivi f'dawn l-aħħar sentejn (suġġett għall-konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fit-Taqsima 4.1.), il-Kummissjoni tikkunsidra li t-**twaqqif ta' Osservatorju għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità**, abbażi ta' jew barra mill-EUCPN, għalissa, **la jikkorrispondi għal bżonn urġenti, u lanqas ma huwa politikament jew finanzjarjament mixtieq fil-perjodu qasir**.

**It-tisħiħ tal-EUCPN ("EUCPN +"), speċjalment permezz ta' Segretarjat li għandu riżorsi aħjar, hija l-alternattiva preferuta** għax din tippermetti li l-EUCPN jikkonċentra fuq il-konsolidazzjoni tal-progress li sar s'issa u fuq aktar titjib fil-funzjonament tiegħu mar-rakkomandazzjonijiet li saru fit-Taqsima IV u fil-valutazzjoni esterna. Huwa meħtieġ sforz partikulari biex tiżdied il-viżibbiltà tal-attivitajiet tiegħu u jikkomunikahom b'mod proattiv lill-partijiet interessati tiegħu. L-EUCPN għandu karatteristiċi embrijoniċi ta' "Osservatorju"

u maż-żmien jista' jevolvi lejn tisħiħ ta' dawn il-karatteristiċi. Diġà beda xogħol preliminari f'dan ir-rigward fi ħdan il-ftehim tal-għotja attwali ffinanzjata permezz tal-ISEC.

L-ispejjeż tal-iżvilupp inkrimentali tal-EUCPN huma stmati li huma madwar EUR 1,2 miljun għal perjodu ta' sentejn, li jibdew meta l-Għotja ta' Azzjoni attwali tiskadi (nofs l-2014). L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffinanzjaw l-EUCPN huma stess, jew alternattivament, jiddeċiedu li japplikaw għal kofinanzjament taħt il-Programm Finanzjarju tal-ISEC (permezz ta' Għotja ta' Azzjoni).

Indipendentement minn kwalunkwe applikazzjoni futura possibbli għal appoġġ finanzjarju permezz tal-programm tal-ISEC, l-iżvilupp futur tal-EUCPN għandu jiġi kkumplimentat b'impenn aktar b'saħħtu tal-Istati Membri kollha tal-UE biex jappoġġaw il-ħidma tal-EUCPN b'mod attiv.

Il-Kummissjoni tqis li l-grupp ta' ħidma tal-membri tal-Bord tal-EUCPN appoġġjati tas-Segretarjat għandhom jiġu stabbiliti biex jikkunsidraw u jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru f'dan ir-rapport taħt it-Taqsima IV u fil-valutazzjoni esterna.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-ħidma tal-EUCPN matul it-tliet snin li ġejjin (2013-2015) tiġi evalwata mill-ġdid fl-2016. F'dak iż-żmien, l-utilità tat-twaqqif ta' Osservatorju tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità tista' terġa' tiġi kkunsidrata. Il-Kummissjoni tinsab ħerqana biex tiddibatti l-iżvilupp tal-EUCPN aktar fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, notevolment mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u mal-Istati Membri.